MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 380/2009

Linda Jane Bannell u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2009
Deborah Said giet nominata mandatarju specjali
vs
Carmel Camilleri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Marzu 1990 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal: Kirsty Elizabeth Camilleri li twielded fit-8 ta' Jannar 1991 illum maggorenni u Benedict Edward Camilleri li twieled fit-22 ta' Gunju 1993;
2. Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti kienet saret impossibli minhabba ragunijiet attribwibbli lill-konvenut kif ukoll minhabba l-fatt illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment;

3. Illi r-rikorrenti applikat u ottjeniet divorzju mill-Ingilterra, senjatament *Kingston-Upon-Thames County Court*, liema divorzju gie registrat fir-Registru Pubbliku Malta, u fit-13 ta' Frar 2009 sar l-annotament relattiv fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet u dana kif jidher mid-dokument ipprezentat mar-rikors u immarkat bhala Dok A;

4. Illi ghalkemm iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti gie xjolt bis-sentenza tal-*Kingston-Upon-Thames County Court* tal-10 ta' Ottubru 2008, liema sentenza saret *res judicata* fis-26 ta' Novembru 2008, ghad hemm assi u dejn komuni tal-partijiet;

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tordna l-qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti appartenenti lill-kontendenti u tordna li l-istess proprjeta` formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti tigi maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, u dana okkorrendo bl-opera ta' perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv fil-jum, hin u lok li jigi iffissat u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att. U li f'kaz li l-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jew uhud minnhom jirrizultaw mhux divizibbli l-Qorti giet mitluba tordna l-licitazzjoni ta' l-istess beni u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti ugwalment;

2. Tordna lill-intimat sabiex ihallas jew jikkonsenja lir-rikorrenti skond il-kaz, il-krediti u proprjeta` parafernali.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat li biha espona:

1. Illi, in linea preliminari, in-nuqqas ta' kompetenza '*rationae materiae'* ta' din il-Qorti u l-konsegwenti nullita` tal-proceduri stante li l-odjerni proceduri kellhom jigu inizjati quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) inkluz il-procedura tal-medjazzjoni.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz l-intimat ma jsibx oggezzjoni ghal tali divizjoni, purche` 1) issir verifika ta' l-attiv u passiv; 2) jigu akkordati l-krediti necessarji u jsiru dawk l-assenjazzjonijiet dovuti lil kull parti ; 3) tigi stabbilita` d-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

3. Salv risposti ulterjuri

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din hija decizjoni dwar l-eccezzjoni sollevata mill-intimat fuq l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti stante li l-odjerni proceduri kellhom jibdew quddiem din il-Qorti Sezzjoni Familja.

L-intimat isemmi li r-rikors guramentat odjern jikkoncerna talba sabiex il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tigi terminata u kull parti assenjata b'sehemha dovut lilha. Irrizulta li l-partijiet kienu mizzewga f'Malta fil-21 ta' Marzu 1990 u in segwitu r-rikorrenti ottjeniet divorzju mill-Qrati Inglizi fl-10 ta' Ottubru 2008, liema digriet sar finali fis-26 ta' Novembru 2008 biex b'hekk iz-zwieg bejn il-kontendenti *was thereby dissolved*. Dan gie registrat Malta fir-Registru Pubbliku fit-13 ta' Frar 2009

b'kopja tad-digriet tal-Qorti Ingliza kif ukoll certifikat riferut fl-artikolu 39 tal-*Judgments in matrimonial matters*.

L-intimat sostna li r-rikorrenti ma kenitx inkludiet il-beni (attiv/passiv) ezistenti bejn il-partijiet allura r-rikorrenti ipprocediet quddiem din il-Qorti. Sostna li l-Avviz Legali 397 tas-sena 2003 stabbilixxa regolamenti dwar il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Il-kwistjonijiet maritali gew koncentrati kollha f'din il-Qorti partikolari u dana ad eskluzjoni tal-Qorti Civili Prim'Awla. Irrefera ghall-Avviz Legali 9 tas-sena 2004 li emenda l-istess regolamenti principali u li fl-iskeda annessa u partikolarament fl-Artikolu 4 'Assenjazzjoni ta' kawzi civili (Sezzjoni tal-Familja) gew stabbiliti l-kompetenza varja bejn il-Qrati Civili. Kompla li bil-Legislazzjoni Sussidjarja numru 12.20 l-istess regolamenti gew emendati u li ghalhekk l-assenjazzjoni ta' kawzi fil-Qorti Civili, Sezzjoni Familja jistipula li lill-Qorti Civili Sezzjoni Familja, ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x'jaqsmu mat-titoli. Fost il-kawzi li ghandhom jigu assenjati lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hemm "I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili tal-Kap 16" u li l-iskop tal-kawza odjerna huwa t-terminazzjoni, likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' l-attiv u/jew passiv konsistenti fil-komunjoni li jezistu bejn il-partijiet. Din hija materja li hija stipulata fil-Kodici Civili l-Ewwel Ktieb l-Ewwel Titolu li jirrigwardja d-drittijiet u d-dmirijiet li johorgu miz-zwieg. A bazi ta' dan sostna li hija dik il-Qorti li tista' tistabilixxi meta l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tieqaf bejn il-partijiet u kif tigi likwidata u assenjata.

Finalment irrefera ghall-artikolu 8 li jghid:
"Meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk kawza ghandiex tigi assenjata lil xi Sezzjoni wahda jew ohra tal-Qorti Civili, jew meta kawza tkun tinvolvi iktar minn kategorija wahda skond ma ghandhom jigu assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Civili, il-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-Prim Imhallef li ghandu mbaghad, in camera, jiddeciedi dwar liema Sezzjoni ghandha tigi assenjata l-

kawza. Id-decizjoni tal-Prim Imhallef ghandha tigi registrata fl-atti tal-kawza u tkun wahda finali.”

Dina tigi in vigore in vista ta’ l-Artikolu 7 li jghid:
“Bla hsara ghal kull regola tal-qorti u ta’ xi regolament, il-kawzi ghandhom jigu assenjati lis-sezzjonijiet differenti tal-Qorti Civili mir-Registratur skond il-kategorija li l-kawza tkun taqa’ tahtha.”

Izda fir-risposta tar-rikorrenti Linda Jane Bannell, din issostni li l-Qorti kompetenti hija l-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Il-kontendenti kienu mizzewgin, u kif inghad fuq, b’sentenza tal-Qorti Ingliza, iz-zwieg taghhom gie xolt, u ghaldaqstant il-partijiet m’ghadhomx meqjusa bhala mizzewgin, u ghalhekk din il-kawza hija wahda ta’ natura purament civili. Saret kaz ta’ fejn ko-proprjetarju ma jixtieqx aktar jibqa’ in ko-proprjeta` mal-ko-proprjetarju l-iehor, u mhix aktar kaz ta’ kwistjoni bejn mizzewgin.

Ikkunsidrat illi l-att taz-zwieg m’ghandux rilevanza ghall-kaz in ezami. Hawn m’ghandniex kaz dwar formalitajiet, annullament u xoljiment ta’ zwieg, izda talba ghal qasma ta’ komunjoni ta’ l-akkwisti f’zewg porzjonijiet biex jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat in segwitu tal-likwidazzjoni ta’ l-istess bil-formalitajiet sussegwenti.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Fil-fehma tal-Qorti, dak li jittratta t-Titlu 1 ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili ma jinkwadrax ruhu fil-mertu tal-kawza. Infatti t-tliet sub-titoli ta’ dan it-Titolu jirreferu ghal “Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara lejn xulxin”, “Jeddijiet u d-Dmirijiet bejn Axxendenti, Dixxendenti u Ahwa”, u “Fuq il-Firda Personali”. Hemm il-punt kardinali li d-divorzju degretat mill-qorti estera wassal ghax-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet u bir-registrazzjoni ta’ l-istess digriet tal-Qorti Ingliza fadal biss lill-partijiet li jiddividu u jaqsmu l-proprjeta` ta’ bejniethom wara li jitnaqqas xi dejn possibbli. Hija l-Prim’Awla tal-Qorti Civili li hija kompetenti dwar dan u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni preliminari.

A tenur ta’ l-artikolu 8 ta’ l-Avviz Legali 9 ta’ l-2004, fil-kaz ta’ nuqqas ta’ qbil il-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-Prim Imhallef u ghalhekk jekk l-intimat jinsisti l-Qorti tirreferi din il-kwistjoni lill-S.T.O. Prim Imhallef biex jiddeciedi in camera dwar lil liema Sezzjoni ghandha tigi assenjata l-kawza.

Fin-nuqqas ta’ insistenza ta’ l-intimat il-Qorti tiddifferixxi l-kawza ghall-provi fuq il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------